**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr. IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 27 ta` April 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Mary Anne Scott**

**Kump. Nru. 222/2007**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata **Mary Ann Scott, detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 396164(M)**, giet akkuzata :

talli f'dawn il-Gzejjer f'Jannar 2007 u fix-xhur ta' qabel f'San Pawl il-Bahar f'xi hin volontarjament hassart jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe ghamilt xi hsara f'karozza tal-ghamla Toyota Starlet bin-numru tar-registrazzjoni MUM 019 waqt li din kienet fi Triq il-Porzjunkola f' San Pawl il-Bahar liema hsara tammonta ghall-aktar minn hamsin lira u anqas minn elf lira ghad-dannu ta' terzi persuni.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tas-16 ta` April 2007 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet ta` l-imputata;

**Ikkunsidrat**;

Illi l-atti processwali ta` din il-kawza ghaddew ghand din il-Qorti kif inhi issa presjeduta wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

**Ikkunsidrat**;

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti processwali kollha a dispozizzjoni taghha. Ma hux l-istil ta' din il-Qorti li toqghod tirriproduci dak kollu li jkun irrizulta fil-process - wara kollox dak li jirrizulta jkun u qieghed effettivament fil-process.

Irrizulta sodisfacentement skond il-ligi mill-provi prodotti, partikolarment mill-istils mehuda mill-filmat migbud minn *CCTV system* li kienet installat Claire Vella fil-kumpless ta` garaxxijiet li jinsab gewwa Triq Porzjunkola, San Pawl il-Bahar, illi fil-perjodu msemmi fl-imputazzjoni, l-imputata Mary Ann Scott kienet effettivament u volontarjament ikkawzat hsara fil-vettura tal-ghamla Toyota Starlet bin-numru ta` registrazzjoni MUM 019, propjeta` ta` l-istess Claire Vella.

Bis-sahha tal-korp tal-provi rizultanti f'dan il-procediment, il-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-kaz taghha kontra l-imputata skond il-ligi.

**Ikkunsidrat**;

In terma ta' piena jew sanzjoni, din il-Qorti qed tikkonsidra l-fedina penali nettissima tal-imputata (ara folio 12) u konsegwentement qed taghtieha il-beneficcju bhala *'a first offender'*. Xejn pero` ma ghandu jnaqqas mis-serjeta` intrinsika tal-kaz – hsara volontarja fuq propjeta` ta` haddiehor.

F'dan il-kuntest din il-Qorti ghamlet ftit ricerka u sabet illi l-mertu ta` dan il-kaz gia gie deciz civilment u dana kif jirrizulta minn zewg sentenzi, u cioe` :

1. Sentenza 16/09/2010 Tribunal Ghal Talbiet Zghar, Talba Numru 297/2008GM – "Claire Vella vs Marianne Scott", u

2. Sentenza 07/04/2011 Qorti ta` l-Appell, Appell Civili Numru 297/2008/1 RCP – "Claire Vella vs Marianne Scott".

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**Konkluzjoni**

**Ghall-dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil Mary Ann Scott (ID.396164M) hatja skond l-imputazzjoni migjuba u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Mary Ann Scott bil-kondizzjoni li ma taghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tlett snin mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Il-Qorti fissret lil Mary Ann Scott fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk hija taghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur